MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 195/2013

**LONGBOW LIMITED** (C-3666)

vs

**IS-SEGRETARJU PERMANENTI FIL-MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI**, u b'degriet tal-14 ta' Mejju, 2013, beda jissejjaħ is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima; il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, u b'degriet tal-14 ta' Mejju, 2013, beda jissejjaħ il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima; il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u b'degriet tal-14 ta' Mejju, 2013, beda jissejjaħ id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) bħala rappreżentant tal-Awtorita' Kompetenti għall-finijiet ta' l-Att XII tal-2004 (Att dwa l-Eko-Kontribuzzjoni), għal kull interess li jista' jkollu; u l-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u

Investiment, u b'degriet tal-14 ta' Mejju, 2013, beda jissejjaħ il-Ministru għall-Finanzi, għal kull interess li jista' jkollu

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-26 ta' Frar, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li d-deċiżjoni meħuda mill-imħarrkin, jew minn min minnhom, li ċċaħħad lill-kumpannija attriċi mill-ħlas tar-rifużjoni ta' eko-kontribuzzjoni li hija ħallset wara li ssieħbet fi skema approvata ta' rkupru ta' skart tal-ippakkjar hija waħda *ultra vires*, u bla ebda effett fil-liġi; (b) tordna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex iħallsuha l-valur tal-eko-kontribuzzjoni mħallsa w kif lilha dovuta taħt l-iskema msemmija *Greenpak Waste Compliance Scheme*; (ċ) issib li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għad-danni mġarrbin minnha minħabba r-rifjut li jawtorizzaw ir-rifużjoni tal-eko-kontribuzzjoni mħallsa minnha; (d) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, d-danni li hija ġarrbet minħabba dak ir-rifjut; u (e) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex iħallsuha b'kumpens is-somma ta' danni hekk likwidata. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Marzu, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fis-26 ta' Marzu, 2013, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li la s-Segretarju Permanenti mħarrek u lanqas id-Direttur Ġenerali mħarrek ma huma l-kontradittur leġittimi tal-azzjoni attriċi, u jmisshom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża bi spejjeż għall-kumpannija attriċi; li l-azzjoni hija improponibbli "in kwantu l-azzjoni mertu tal-

kawża odjerna jirrispekkjaw (*sic*) dawk tal-kawża numru 195/2011"; li l-azzjoni hija waħda vaga għaliex ma ssemmix taħt liema sub-artikolu tal-artikolu 469A il-kumpannija attriċi fetħet il-kawża tagħha u lanqas ma tidentifika d-dritt li fuqu hija msejsa; li l-kumpannija attriċi naqset li tfisser għal liema rifjut hija qiegħda tirreferi; f'kull każ, jekk kemm-il darba l-kumpannija attriċi ssejjes l-azzjoni tagħha fuq id-deċiżjoni li basktijiet tal-plastika ma jiddaħħlux taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 473.06[1], deċiżjoni bħal dik ma tikkwalifikax bħala "egħmil amministrattiv" kif maħsuba fl-artikolu 469A tal-Kap 12; u li, f'kull każ, l-azzjoni attriċi tressqet wara ż-żmien tas-sitt xhur minn meta l-kumpannija attriċi saret taf jew messha saret taf bl-egħmil amministrattiv relattiv. Ressqu wkoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2013[2], li bih ordnat il-bidliet fl-atti tal-kawża u kif ukoll ordnat lill-kumpannija attriċi biex tressaq nota spjegativa li tfisser b'dettal fuq liema dispożizzjonijiet tal-liġi hija ssejjes l-azzjoni tagħha u b'hekk tindirizza t-tielet eċċezzjoni (preliminari) tal-imħarrkin;

Rat in-Nota spjegattiva mressqa mill-kumpannija attriċi fit-23 ta' Mejju, 2013[3];

Rat in-Nota mressqa mis-Segretarju Parlamentari mħarrek fit-28 ta' Ġunju, 2013[4], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-1 ta' Lulju, 2013[5], li bih u fid-dawl tan-Nota spjegativa mressqa mill-kumpannija attriċi u kif aħjar imfisser fin-Nota ta' tweġiba tagħhom għaliha, l-imħarrkin irtiraw it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet

---

[1] Ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Rifużjoni tal-Eko-Kontribuzzjoni (Avviż Legali 158/2011) tal-25.4.2011
[2] Paġġ. 160 – 1 tal-proċess
[3] Paġġ. 162 – 6 tal-proċess
[4] Paġġ. 168 – 171 tal-proċess
[5] Paġ. 174 tal-proċess

(preliminari) tagħhom, u żammew sħaħ l-eċċezzjonijiet l-oħrajn;

Rat in-Nota ta' Tweġiba Ulterjuri mressqa mill-kumpannija attriċi fis-7 ta' Awwissu, 2013[6];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel u s-sitt eċċezzjonijiet (preliminari) tal-imħarrkin;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Ottubru, 2013[7], li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "Longbow") qiegħda tikkontesta d-deċiżjoni li ma tingħatax rifużjoni tal-flejjes li hija ħallset bħala eko-kontribuzzjoni, minkejja li hija ħadet sehem fi skema mfassal mill-Gvern għal dawk li jirkupraw (jiġbru lura) l-iskart ta' prodotti li fuqhom titħallas dik it-taxxa. Hija titlob li l-imħarrkin, jew min minnhom;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet, fil-biċċa l-kbira minnhom ta' xejra "preliminari". Fost l-oħrajn, qalu li s-Segretarju Permanenti u d-Direttur Ġenerali mħarrkin ma kenux il-kontradittturi leġittimi tal-azzjoni attriċi skond l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalu wkoll li, f'kull każ, Longbow fetħet il-kawża wara li kien għalqilha ż-

[6] Paġġ. 176 – 8 tal-proċess
[7] Paġ. 185 tal-proċess

żmien stabilit mil-liġi biex tagħmel dan. Kien hemm eċċezzjonijiet preliminari oħrajn li l-imħarrkin irrinunzjaw għalihom, u hemm eċċezzjonijiet fil-mertu li jmorru lil hinn mill-interess ta' din is-sentenza ;

Illi, għalhekk, din is-sentenza qiegħda tqis u tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni u s-sitt eċċezzjonijiet preliminari;

Illi mill-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li Longbow kienet għamlet żmien tikkummerċja billi ġġib boroż tal-plastika bijo-degradabbli f'Malta. Wara li daħlet fis-seħħ il-liġi dwar l-Eko-Kontribuzzjoni[8], fl-2007 Longbow issieħbet fi skema ta' riċiklar u ġbir lura ta' skart bl-isem ta' *GreenPak Waste Scheme*, li hu skema approvat taħt l-imsemmija liġi;

Illi Longbow tgħid li ħallset l-eko-kontribuzzjoni dwar il-boroż tal-plastika li ġabet f'Malta iżda, bis-sħubija tagħha fl-iskema fuq imsemmi, stenniet li tkun tista' tgawdi mir-rifużjoni tal-ħlasijiet magħmula dwar dik it-taxxa;

Illi Longbow, flimkien ma' intrapriżi oħrajn li wkoll kienu ssieħbu fi skema approvata għall-irkupru ta' skart, kienu għamlu żmien jisħqu mal-awtoritajiet biex iniedu l-proċess meħtieġ biex, bi qbil mal-leġislazzjoni li ddaħħlet fis-seħħ, ikunu jistgħu jinħelsu mill-ħlas tal-eko-kontribuzzjoni u, fil-każ ta' dawk (bħal Longbow) li kienu diġa' ħallsuha, li jingħataw kreditu jew rifużjoni tagħha. F'Ġunju tal-2010, Longbow u oħrajn kienu ressqu protest ġudizzjarju kontra s-Segretarju Permanenti u l-Ministri mħarrkin, u kontra s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investimenti[9]. Kien tressaq ilment ukoll quddiem l-Ombudsman li, min-naħa tiegħu ta l-fehma tiegħu fi Frar tal-2011[10]. F'Diċembru ta' dik l-istess sena, kien reġa' ta deċiżjoni oħra bi kjarifika ta' dik li ngħatat qabel, fuq talba magħmula għal dan il-għan f'Ottubru tal-2011[11];

---

[8] L-Att XII tal-2004 (Kap 473) li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru, 2004
[9] Dok "BEN21", f'paġġ. 134 – 5 tal-proċess
[10] Dok "LL3" f'paġġ. 26 sa 34 tal-proċess
[11] Dok "LL4", f'paġġ. 35 – 6 tal-proċess

Illi f'Ġunju tal-2012[12], Longbow bagħtet titlob liż-żewġ Ministri mħarrkin u lid-Direttur Ġenerali mħarrek biex jagħtuha d-deċiżjoni tagħhom dwar it-talba tagħha biex tingħata r-rifużjoni tal-eko-kontribuzzjoni li kienet tħallset minnha. B'ittra mibgħuta mill-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment fil-5 ta' Lulju, 2012[13], intbagħtet "*acknowledgement*" ta' dik l-ittra;

Illi f'Awwissu tal-2012[14]d-Direttur Ġenerali mħarrek bagħat jgħarraf lill-avukat ta' Longbow li, fejn għandu x'jaqsam mal-ħlas tar-rifużjonijiet mitluba, hu ma kellu l-ebda sehem u li kien il-Ministru responsabbli mill-ġbir tal-iskart li kien mogħti s-setgħa li jiddeċiedi;

Illi f'Ottubru tal-2012[15], Longbow bagħtet ittra uffiċjali lill-Ministri mħarrkin u lid-Direttur Ġenerali mħarrek biex tinterpellahom jirrifondulha l-eko-kontribuzzjoni li kienet ħallset. B'ittra uffiċjali tas-26 ta' Novembru, 2012[16], mibgħuta lil Longbow, id-Direttur Ġenerali mħarrek tenna li huwa ma kellu l-ebda setgħa jew kompetenza jiddeċiedi dwar ir-rifużjoni mitluba;

Illi b'ittra elettronika mibgħuta mill-avukat tal-Ministru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fid-29 ta' Novembru, 2012[17], lill-avukat ta' Longbow, ingħatat konferma li l-Ministru kien qatagħha li jillimita r-rifużjoni tal-eko-kontribuzzjoni għal prodotti magħżula u li ma kienx qiegħed jibdel id-deċiżjoni tiegħu li ma jagħtix ir-rifużjoni lil Longbow dwar il-boroż tal-plastika li importat f'Malta. Din il-pożizzjoni tenniha f'ittra uffiċjali tal-20 ta' Diċembru, 2012[18], mibgħuta lil Longbow;

---

[12] Dokti "LL6" u "BEN27(i)" f'paġġ. 41 u 153 tal-proċess
[13] Dok BEN28", f'paġ. 154 tal-proċess
[14] Dok "VAT1", f'paġ. 172 tal-proċess
[15] Dok "BEN29", f'paġ. 155 tal-proċess
[16] Dok "BEN30", f'paġ. 156 tal-proċess
[17] Dok "BEN31", f'paġ. 157 tal-proċess
[18] Dok "BEN32", f'paġ. 159 tal-proċess

Illi Longbow fetħet din il-kawża fis-26 ta' Frar, 2013;

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet legali dwar l-eċċezzjonijiet taħt eżami. Kif ingħad, hemm żewġ eċċezzjonijiet li hija qiegħda tintalab tistħarreġ: l-ewwel waħda hi li wħud mill-imħarrkin jgħidu li m'humiex il-kontradditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi; filwaqt li t-tieni waħda trid li jinstab li Longbow fetħet il-kawża wara ż-żmien mogħti lilha mil-liġi. Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet iridu jitqiesu fil-qafas tan-natura tal-azzjoni attriċi, jiġifieri waħda għal stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv;

Illi **dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari**, qiegħed jingħad li s-Segretarju Permanenti mħarrek u d-Direttur Ġenerali mħarrek ma jmisshomx tħarrku minn Longbow f'din il-kawża tagħha. Huma jibnu din l-eċċezzjoni tagħhom fuq dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi jekk wieħed joqgħod fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, r-rappreżentanza tal-Gvern f'kawża tkun fil-kap tad-dipartiment li jkun inkarigat fil-materja in kwestjoni. Din il-kawża tal-lum tirrigwarda deċiżjoni meħuda dwar jekk Longbow jistħoqqilhiex titlob il-ħlas lura ta' eko-kontribuzzjoni minnha mħallsa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 473 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-Att XII tal-2004 jagħmilha ċara li s-setgħat taħt din il-liġi huma mħollija fil-Ministru responsabbli għall-immaniġġar tal-iskart li huwa l-imħarrek Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (illum imsejjaħ Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima)[19]. Ta' min jgħid li l-ebda wieħed miż-żewġ ministri mħarrkin ma ssieħeb mal-imħarrkin Segretarju Permanenti u Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fl-eċċezzjoni taħt eżami;

[19] Art. 2 tal-Kap 473

Illi filwaqt li, min-naħa tiegħu, d-Direttur Ġenerali mħarrek għamilha ċara sa minn żmien qabel ma nfetħet din il-kawża li huwa ma kellu l-ebda setgħa jiddeċiedi dwar it-talba ta' Longbow, ma jidhirx li għamel l-istess ħaġa s-Segretarju Permanenti mħarrek. Fil-każ tad-Direttur Ġenerali mħarrek, dan għamlu kemm b'ittra u kif ukoll b'att ġudizzjarju. Min-naħa l-oħra, fil-korrispondenza li għaddiet bejn (l-avukati ta') Longbow u (l-avukat ta') l-Ministeru, ma joħroġx ċar ħafna u dejjem jekk dak li kien qiegħed jingħad kienx il-fehma tal-Ministru responsabbli jew tal-imħarrek l-ieħor Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru. Il-Qorti ma ssib l-ebda diffikulta' biex tilqa' l-eċċezzjoni f'isem id-Direttur Ġenerali mħarrek, għaliex jidher li din il-pożizzjoni tiegħu tirrispetta kemm kliem il-liġi u kif ukoll in-natura partikolari tal-kawża tal-lum. Madankollu, ma jistax jingħad l-istess fir-rigward tas-Segretarju Permanenti mħarrek, għall-anqas f'dan l-istadju bikri tal-kawża;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni hija tajba safejn tolqot lid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) u sejra tilqagħha, imma m'hijiex sejra tilqagħha safejn tolqot lis-Segretarju Permanenti mħarrek;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**eċċezzjoni preliminari li l-azzjoni attriċi ma nbdietx fiż-żmien mogħti mil-liġi** jibda biex jingħad li, għal dak li jirigwarda azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, il-liġi hija ċara ħafna li tgħid li ż-żmien imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 jgħodd biss għal meta kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju issir biex twaqqa' għamil amministrattiv taħt xi waħda mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b). Dak iż-żmien ma jgħoddx meta l-kawża tkun mibnija fuq l-artikolu 469A(1)(a). Fil-każ tal-lum, Longbow iċċarat li l-azzjoni tagħha tinbena fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b) u b'żieda ma' dan, li din l-azzjoni tressqet għaliex l-imħarrkin naqsu li jweġbuha fiż-żmien ta' xahrejn minn meta ressqet it-talba u għalhekk hija azzjoni mibnija fuq "rifjut preżunt" kif imfissra fil-*proviso* tat-tifsira tal-kliem "egħmil amministrattiv" fl-artikolu 469A(2) tal-istess Kodiċi;

Illi l-imħarrkin qegħdin jgħidu li Longbow naqset li tressaq il-kawża fi żmien sitt xhur minn mindu setgħet jew messha mexxietha 'l quddiem, jiġifieri minn dak inhar li ttieħdet id-deċiżjoni li hi tilminta minnha;

Illi huwa llum il-ġurnata stabilit, li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[20]. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-egħmil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi;

Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn egħmil amministrativ issir taf b'dak l-egħmil li jkun. Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni[21]: tgħid biss li ż-żmien ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-egħmil, liema data tiġi l-ewwel;

Illi fil-każ tal-lum, l-ewwel darba li Longbow ingħadilha formalment li l-Ministru ma kienx sejjer jilqa' t-talba tagħha kien fl-*e-mail* tad-29 ta' Novembru, 2012. Min-naħa tiegħu, l-Ministru mħarrek formalment tenna dik id-deċiżjoni tiegħu fl-ittra uffiċjali tiegħu tal-20 ta' Diċembru, 2012. Minħabba li Longbow fetħet il-kawża fi Frar tal-2013, ma kien ikun hemm l-ebda dubju li bl-ebda tiġbid tal-istħajjil ma kienu laħqu għaddew is-sitt xhur kruċjali minn dak inhar sa ma nfetħet il-kawża;

Illi, madankollu, bħalma jidher li ġara f'dan il-każ, Longbow tgħid li l-azzjoni ta' stħarriġ imressqa minnha tissejjes fuq ir-rifjut li tintlaqa' t-talba tagħha u li dak ir-rifjut beda jitqies minn żmien xahrejn minn mindu hija ressqet

---

[20] Ara fost l-oħrajn, P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata) ; P.A. RCP **5.4.2001** (in parte) fil-kawża fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta*** (mhix pubblikata) ; u App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et*** (Kollez. Vol : **LXXXVI.ii.313**)

[21] Ara P.A. GV **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***

formalment mal-awtoritajiet – bl-ittra tagħha tas-27 ta' Ġunju, 2012 – it-talba tagħha għar-rifużjoni;

Illi jrid jingħad li taħt it-tifsira ta' "egħmil amministrattiv", il-liġi tinkludi wkoll ir-rifjut għal talba. Ir-rifjut ma jgħoddx fih biss iċ-ċaħda ta' talba imma wkoll in-nuqqas ta' għoti ta' deċiżjoni sa ċertu żmien minn meta ssir talba (dak li aktar 'il fuq din il-Qorti sejħitlu r-'rifjut preżunt'). F'każ bħal dan, iż-żmien meta nuqqas ta' deċiżjoni jitqies bħala rifjut jibda jgħaddi minn dak inhar li talba tiġi notifikata lill-awtorita' li tkun, u jekk kemm-il darba din l-awtorita' tonqos li tagħti deċiżjoni sa żmien xahrejn minn dik in-notifika;

Illi fil-każ tal-lum, jekk wieħed kellu jħaddem kliem il-liġi kif għadu kemm tfisser, iż-żmien ta' sitt xhur kellu jibda għaddej minn l-aħħar jiem ta' Awwissu tal-2012 (xahrejn fuq is-27 ta' Ġunju magħduda l-ftit jiem li ħadet l-ittra biex tasal għand l-awtoritajiet li lilhom kienet indirizzata);

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin ressqu dokument – ittra maħruġa bid-data tas-17 ta' Awwissu, 2012, li ntbagħtet lill-avukat ta' Longbow biex tgħid li d-Direttur Ġenerali ma kienx f'qagħda li jilqa' t-talba ta' Longbow. Minn din l-ittra, l-imħarrkin jisiltu l-argument li ż-żmien ta' sitt xhur għal Longbow biex tressaq il-kawża bdew għaddejjin minn dak inhar, u għalhekk meta fetħet il-kawża fl-aħħar jiem ta' Frar tal-2013, dak iż-żmien kien laħaq għalaq;

Illi Longbow tqanqal il-kwestjoni li dik l-ittra ma waslitx fl-uffiċċji tal-avukati tagħha fiż-żmien li nkitbet u donnha tressaq l-argument li dak id-dokument mhux awtentiku. Il-Qorti, filwaqt li titħasseb meta jitqanqal dubju dwar l-awtentiċita' ta' atti tal-amministrazzjoni pubblika, ma jidhrilhiex li dik l-ittra hija tassew determinanti għas-soluzzjoni tal-kwestjoni jew hija ta' fejda għall-imħarrkin biex issostni l-eċċezzjoni tagħhom;

Illi fl-ewwel lok, irid jingħad li dik l-ittra ntbagħtet mid-Direttur Ġenerali mħarrek. Kulma tgħid hu li hu, f'dik il-kwalita', ma kellu l-ebda setgħa li jiddeċiedi dwar it-talba ta' Longbow. Imkien f'dik l-ittra ma wieħed isib xi deċiżjoni jew xi rifjut tat-talba. Fit-tieni lok, dik l-ittra titkellem biss

għal min kitibha u mhux għall-awtoritajiet l-oħrajn li lilhom it-talba ta' Longbow kienet intbagħtet. Fit-tielet lok, ladarba b'din is-sentenza, din il-Qorti sabet li d-Direttur Ġenerali mħarrek ma kienx kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, qajla jista' jingħad li dik l-ittra tiegħu tikkostitwixxi t-teħid ta' deċiżjoni li minnha Longbow messha ntebħet li kien beda għaddej iż-żmien biex taħseb li tiftaħ il-kawża. Persuna li ma hijiex il-leġittimu kontradittur ta' pretensjoni ta' xiħadd ma jistax jingħad li kien f'qagħda li jagħti deċiżjoni li messha ttieħdet u setgħet biss tittieħed minn ħaddieħor;

Illi l-Qorti fliet sewwa l-provi mressqa u ssib li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, ma jidhirx li Longbow naqset li tressaq il-kawża tagħha fi żmien xieraq u utli kif titlob il-liġi. Lagħbet xi ftit man-nar għaliex ħalliet tassew għall-aħħar, imma dan ma jfisser xejn jekk dak inhar li fetħet il-kawża kien għadu għaddej iż-żmien li matulu setgħet tagixxi;

Illi għalhekk il-Qorti tasal għall-fehma li din l-eċċezzjoni mhijiex tajba u mhijiex sejra tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** safejn tolqot lill-imħarrek Direttur Ġenerali (Taxxa dwar il-Valur Miżjud), iżda tiċħadha safejn tolqot lis-Segretarju Permanenti mħarrek, u għalhekk teħles lid-Direttur Ġenerali (Taxxa dwar il-Valur Miżjud) milli jibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-kumpannija attriċi;

**Tiċħad is-sitt eċċezzjoni preliminari** billi m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u ssib li l-azzjoni attriċi tressqet fiż-żmien mogħti mil-liġi;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu; u

**Tordna** li l-imħarrkin iħallsu **l-ispejjeż marbuta ma' din is-sentenza**, ħlief għal dawk hawn fuq imsemmija fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------